**Minuti tal-Laqgħa Nru: 33 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2009 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.17 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 19.10 p.m. | 21.00p.m |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 19.10 p.m. | 21.00p.m |
| Kunsillier Joseph Demartino | 19.00 p.m. | 21.00p.m |
| Kunsillier Mario Sammut | 19.05 p.m. | 21.00p.m |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 19.50 p.m. | 21.00p.m |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 19.10 p.m. | 21.00p.m |
| Kunsillier Paul Agius | 19.00 p.m. | 21.00p.m |
| Kunsillier Kirby Fenech | 19.00 p.m. | 21.00p.m |
| Kunsillier Christopher Grech | 19.00 p.m. | 21.00p.m |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0** Fil-Bidu tal-Laqgħa s-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex tkun tista tiġi diskussa agenda item No 10 ta' l-Agenda dwar mozzjoni fuq il-Youth Empowerment Centre peress li kien hemm ħafna membri żgħażagħ fil-pubbliku li kellhom interess f'dan l-item. Gie approvat unanimament li issir is-sospensjoni. Dan irriżulta wara li s-Segretarju Eżekuttiv oġġezzjona li jibqa jiġi iffinanzjat kollu mill Kunsill kif dejjem sar dawn l-aħħar sentejn. (1)

**2.00 Mozzjoni mressqa minn Mario Sammut u sekondata minn Kirby Fenech.** (2)

2.01 Is-Sindku qal illi ġiet imressqa mozzjoni sabiex ikun jista jitkompla il-programm tal- Youth Empowerment Centre li bla dubju ta' xejn kien qed ikun ta' ġid għaż-żgħażagħ Mostin li jattendu dan iċ-ċentru. Huwa qal illi dan il-programm kien beda fi żmien meta is- Sur Joe Demartino kien Sindku bi ftehim u finanzjament mid-Dipartiment Taż-Żgħażagħ li iżda issa kien ilu li spiċċa u kien baqa jiġi sostnut mill Kunsill waħdu. ~~Inqalet il- problema ta' finanzjament ta' dan il-programm u għalhekk huwa kien kiteb lis-Segretarju Parlamentari Dott. Chris Said għal possibilita ta' finanzjament.~~ Din il problema * (3)

2.02 Is-Sindku qara l-mozzjoni (kopja annessa) u qara wkoll ittra tas-Segretarju Parlamentari Chris Said bid-data tal-4 ta' Novembru 2009 li iżda ma tħallietx kopja tagħha . ~~Din l-ittra kienet tħeġġeġ lis-Sindku li jfittex sorsi oħra ta' finanzjarjament għal dan iċ-ċentru.~~ (4)

2.03 Is-Sindku qal li kemm huwa kif ukoll il-kunsilliera laburisti kienu favur li minkejja li l-Kunsill kellu problemi ta' nuqqas ta' finanzi dan il-programm jkompli jiġi iffinanzjat mill Kunsill xorta waħda. Huwa staqsa lis-Sur Joe Demartino jekk huwa u sħabu nazzjonalisti kienux ukoll favur dan.

2.04 Is-Sur Joe De Martino wieġeb li kien qed jiskanta kif is-Sindku irrefera għalih sabiex jgħid jekk jaqbilx mal-programm tal-Youth Empowerment Centre meta kien hu li beda dan il-programm fiż-żmien meta kien Sindku. Ta' l-anqas is-Sindku issa kien qed jammetti li fi żmienu (Demartino) kien għamel xi ħaġa tajba għax is-soltu s-Sindku preżenti kien dejjem jgħid li ma sar xejn sewwa dak iż-żmien ~~u saħansitra kien heddu quddiem is-Segretarju Parlamentari li jtiħ daqqa ta' ponn. Is-Sur Demartino talab li dan jitniżżel fil-minuti.~~

Is-Segretarju talab li ma din l-emenda jiżdied il-kliem ... minuta li l-oġġezzjoni li tidher f'2.06 tidħol fil-minuti

*3 Dwar il-problema ingaled wara li s-Sindku kiteb lill DR Chris Said għall possibilità ta' finanzjament u li r-risposta min naħa ta' Chris Said kienet li d-Dipartiment ma għandux fondi għall dan il-għan u li l-Kunsill għandu japplika għall fondi speċjali.

(4) Il-AOTA sentaqa

(5) Jiżdiedu l-Kliem.

Is-Sindku qal li mill-ittra tas-Segretarju Parlamentari Chris Said li ġġib id-data ta' l-10 ta' Novembru jidher li l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2010 se tkun ikbar. Fil-fatt qed jiġu ivvutati 2,000,000 euro oħra għall proġetti u inizjattivi speċjali fil-lokalitajiet fosthom fond għall tidrix fil-qasam soċjali

(6) Li kien jingħata t-tiżjin tal Milied.

(7) Is-Sinjura Marthese ivvolontarjat li tgħin fl-attività ta' BAY Street.

2.05 Is-Sur Joe De Martino qal li huwa żgur li kien favur ta' dan il-programm iżda wieħed irrid jara x'għandu xi jgħid is-Segretarju Eżekuttiv u għaliex dan kien qed jgħid li mhux ser jiffirma għall-spejjes tal-Youth Empowerment Centre.

2.06 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kif jafu l-Kunsilliera kollha il-Kunsill kien irċieva struzzjonijiet mid-Dipartiment sabiex ma jagħmilx spejjes għajr dawk statutorji bil-liġi qabel ma ikun hemm *improvement* fil-*financial indicator* tal-Kunsill. Huwa qal wkoll li meta talab parir, kien irċieva struzzjonijiet speċifiċi mingħand kemm id-Direttur kif ukoll is-Segretarju Parlamentari sabiex jara li jimxi skond il-liġi għaliex huwa kien responsabbli personalment għall-osservazzjoni tal-liġi fejn għandhom x'jaqsmu finanzi tal-Kunsill. Is-Segretarju iddikjara li ma kienx lest jiffirma għal ebda spejjes li mhumiex statutorji u li kien ser jobdi d-direttiva tad-dipartiment anke jekk tgħaddi din il-mozzjoni għaliex il-finanzi ma jippermettux li jsir infiq oltre dak ibbudgetjat.

2.07 Is-Sur Mario Sammut qal li kienu ġejjin €10,000 mill-LES u s-Sindku qal li mela dawn jistgħu jintużaw għal dan il-għan.

2.08 Is-Segretarju ~~ikkoreġa~~ lis-Sindku li dawn il-flus ma għandhomx x'jaqsmu ghax kienu diġa jifformaw parti mill-budget u kienu għalhekk diġa *committed.* Anzi sa l-aħħar tas-sena kien ibbudgetjat li għandhom jidħlu aktar flus minn dan is-sors. Dawn ma kienux xi flus extra izda parti minn dħul previst.

2.09 Is-Sindku beda ta' kull darba jinterrompi lis-Segretarju billi jgħidlu li '*point taken'*. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien dmir u obbligu tiegħu li jintervjeni sabiex ma tinkisirx il-liġi.

2.10 Is-Sur Demartino qal li kien inutli li titpoġġa din il-mozzjoni għall vot kif ippreżentata jekk is-Segretarju qed jinsisti li huwa mhux ser jiffirma għal ebda spejjes tal-Youth Empowerment Centre.

2.11 Ingħata permess li jitkellmu nies mill-pubbliku.

2.12 Tkellmu żewġ żagħażagħ tal-Youth Empowerment Centre li irringrazzjaw lill-Kunsill li kien dejjen sostna il-Youth Empowerment Centre, semmew il-ġid li joħroġ minn dan iċ-ċentru u għalhekk talbu li jitkompla dan il-programm.

2.13 Tkellem ukoll is-Sur Philip Borg li ssuġerixxa li tiġi emendata l-mozzjoni kif preżentata billi jiżdied paragrafu fl-aħħar tal-mozzjoni li jgħid:

**'Dan il-Kunsill jaqbel li la darba hemm qbil unanimu dwar il-ġid li sar u li dan għandu jkompli jespandi u jintrabat li jiltaqa mill-aktar fis mas-Segretarju Parlamentari biex jinstab kull mezz possibbli biex dan il-proġett jiġi iffinanzjat bl'approvazzjoni tal-Gvern Ċentrali."**

Il-mozzjoni kif emendata ġiet approvata unanimament.

2.14 Is-Segretarju qal li kemm il-darba jingħata struzzjonijiet mid-Dipartiment huwa ma kien isib l-ebda diffikulta jiffirma għall dawn l-ispejjes.

**3.00** Għall darba oħra intalbet u ġiet approvata sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Laqgħa tgħaddi għall item No: 5 tal-Agenda sabiex il-periti Charles Buhagiar u Faye Caruana jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom.

**4.00 Preżentazzjoni mill-Perit Buhagiar (it-tieni parti) fuq il proġetti għall kisba ta' fondi mill-programmi tal- U.E.**

4.01 Il-Periti Buhagiar u Caruana għamlu preżentazjoni permezz ta' Power Point dwar il proposta ta' ħolqien ta' 6 Tourist Trails madwar il Mosta. Tqassmu fuljetti bid-dettalji ta' dan il-proġett u ippartecipaw diversi kunsilliera fid-diskussjoni. Ġie approvat li issir Outline Development Application lill-MEPA għall-dan il-proġett bi skop li nkunu preparati meta jiġu identifikati xi programmi tal U.E. minn fejn jistgħu jinkisbu xi fondi sabiex isir dan il-proġett.

**5.00 Aprovazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 32**

5.01 Is Sur Joe Demartino talab li issir korrezzjoni u jitniżżel li huwa kien skużat u mhux assenti għaliex huwa kien avża l'uffiċju tal-kunsill li ma kienx setgħa jattendi. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan u ġie approvat li issir din il-korrezjoni.

5.02 Ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet.

**6.00 Tagħrif mill-Minuti**

6.01 Dwar item 5.01 ġie irrapurtat li kien ser joħroġ t-Tender u li għandhom jiġu iffirmati id-dikjarazzjonijiet.

**7.0 Materji Finanzjarji**

**a) Approvazzjoni ta' pagamenti:**

Ġew approvati pagamenti għas-somma ta' Euros 3,601.02 pagamenti b'urġenza.
Ġew approvati pagamenti għas somma ta' Euros 21,306.78 pagamenti oħra.

**8.0 Korrispondenza**

Dan l-Item tal-Agenda ma' sarx.

**9.00 Tigdid ta' Ftehim - Kuntrattur ta' Dwal tat-Toroq**

9.01 Gie irrapurtat li il-ftehim li kien sar mill-Kumitat Konġunt tat-Tramuntana issa ġie deċiż mill-istess kumitat li jiġġedded għall 3 xhur. Ġie approvat unanimament li l-Kunsill tal- Mosta jaqbel ma din id-deċiżjoni.

**10.0 Ftehim mal-Green Mt - Inizzjattivi Ambjentali**

10.01 Is-Sindku qal li dan il ftehim għandu jitħalla għall darba oħra għaliex kien qed jistenna l-parir tal-avukat tal-Kunsill.

**11.0 Tiġdid ta' Kuntratt tal-Handyman- Philip Azzopardi**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li fuq talba tas-Sindku huwa kien talab permess mingħand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli sabiex il-Kunsill jkun jista jġedded il-kuntratt tal-Handyman Philip Azzopardi sabiex jiġi jagħlaq ma dak tal-Handyman l'ieħor Marco Briffa. Dan il-permess issa kien ġie u għalhekk kien qed jitlob ir-ratifika tal-kunsill sabiex il-kuntratt ta' Philip Azzopardi jiġi mġedded. Ġie approvat unanimament li dan isir. Philip Azzopardi jiġġeddidlu l-kuntratt sal 11 ta' Frar 2011.

**12.0 Approvazzjoni ta' kumitat dwar sistema ta' panelli solari.**

12.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irraporta li kien ġie iffurmat kumitat bejn diversi kunsilli lokali fosthom dak tal-Mosta sabiex jinħareg it- Tender u jsir ix-xogħol ta' installar ta' dawn il-panelli solari

b'mod kollettiv. Ser jinfetaħ kont fejn il-kunsilli involuti jiddepożitaw Euro100 kull wieħed għall spejjes involuti. Ġie approvat unanimament li l-Kunsill tal-Mosta jipparteċipa f'dan il-kumitat.

## 13.0 Ħwejjeġ oħra

13.01 Ġie deċiż li tiġi ċċirkulata kopja tal-liġi tal-Kunsilli kif emendata riċentament lill-kunsilliera kollha sabiex dawn jinformaw ruħom fuq it-tibdil li sar.

13.02 Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq sabiex sqaq bla isem f" Fort Road jissemma 'Sqaq il-Fortizza'.

13.03 Ġie ukoll deċiż li jekk jkun hemm toroq oħra bla isem dawn għandhom jiġu msemmija għall-Monsinjur B. Bezzina, Dun Ang. Camilleri, u Charlie Vassallo – Konslu.

13.04 Il-Laqgħa ġiet informata li l-Kumitat tal-Kultura kien qed jaħdem fuq il-proposta tal-President ta' Malta sabiex isiru attivitajiet li fihom jinġabru fondi għall- Comunity Chest Fund.

13.05 Il-Viċi Sindku irrapurtat li kienet ser tagħmel parties tal-Milied għat-tfal tal-Mosta fil-21 u 22 ta' Diċembru.

13.06 Paul Agius irraporta li l-Wirja tal-Għasafar din is-sena ser issir fid-19 u 20 ta' Diċembru fis Sala tal-Komunita.

13.07 Il-Viċi Sindku informat li kienet ser torganizza kompetizjoni ta' Kitba u Tpinġija għall-diversi klassijiet tal-iskejjel. Jintlaqgħu, dawn il komponimenti bil-Malti u Tpinġijiet, sal-11 ta' Diċembru u jiġu iġġudikati mis-sinjuri Peter P. Borg u Joe Gatt.

13.08 Kirby Fenech avżat li ser issir exhibition f'Bay Street bil-parteċipazjoni tal-Kunsill tal-Mosta. Kirby Fenech avzat ukoll li ser torganizza competition ta Christmas Cakes bi premjijiet sponsorjati mill-Palace Hotel. *(7)

13.09 Mario Sammut avża li ser isir il-party tal-anzjani fit 8 ta' Diċembru ~~ġewwa l'Oratorju tas-Subien~~ fis Sala tal-Kumunita.

13.10 Kirby Fenech informat li nhar il-Hadd li ġej ser jkun hemm Car Show fil- Car Park ta' Pjazza Rotunda.

Dawn l'attivitajiet ġew approvati unanimament.

**14.00** Peress li skont il-ligi Laqgħa tal-Kunsill ma tistax iddum aktar mid 10.00 ta' filgħaxija, il-Laqgħa spiċċat fid-~~9.00p~~.m. L-Item tal-Korrispondenza ma' sarx.
10.00p.m

Dott. Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv